MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 275/2007

**Panspray Limited (C 8757)**

**vs**

**Superfruits Limited (C 37273), Patrick Meli u Christine Copperstone lkoll in solidum**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici ppremettiet illi:

**<u>Dikjarazzjoni ta` l-Oggett tal-kawza</u>**

1. Is-socjeta` konvenuta Superfruits Limited hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` sitt elef, disa` mija u sittax il-lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm 6,916.47) rapprezentanti t-total ta` diversi ammonti pattwiti permezz

ta` skrittura privata datata 6 ta` Novembru, 2006 (anness Dok. ‘A’) fosthom:

(i) Arretrati ta` kera u VAT relattivi ghall-blokk ta` bini konsistenti f`basement level u zewg sulari sovrapposti, f`Mdina Road, Zebbug mikri lil u sussegwentement okkupat mill-imsemmija Superfruits Limited;

(ii) Kumpens ghal benefikati li kellhom jitwettqu mis-socjeta` konvenuta u li baqghu ma sarux kif ukoll *cement charge*;

(iii) Arretrati fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma relattivi ghall-fond hawn fuq indikat u li ghalihom hija responsabbli Superfruits Limited;

(iv) Ammont dovut minn Superfruits Ltd lill-kumpanija BC Electrics Ltd, liema ammont eventwalment thallas lil BC Electrics Ltd mis-socjeta` attrici bis-surroga tad-drittijiet ta` l-istess BC Electrics Ltd kontra Superfruits Ltd;

(v) Penali ghad-dewmien stipulata permezz tal-klawsola numru erbgha (4) ta` l-imsemmija skrittura privata.

Dana kollu, jirrizulta mill-anness prospett markat Dok. ‘B’ u huwa konfermat fl-anness affidavit Dok. ‘D’;

2. Permezz ta` l-imsemmija skrittura privata datata 6 ta` Novembru, 2006 (anness Dok. ‘A’), il-konvenuti l-ohra Patrick Meli u Christine Copperstone ikkostitwew irwiehhom bhala garanti solidali ta` Superfruits Limited a favur tas-socjeta` attrici ghall-hlas ta` l-ammonti kollha li kienu dovuti u li setghu isiru dovuti mill-istess Superfruits Limited lis-socjeta` attrici ta` l-istess skrittura datata 6 ta` Novembru, 2006;

3. L-imsemmi ammont ta` Lm 6,916.47 huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta` l-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta` l-istess socjeta`

attrici, il-konvenuti m`ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta` l-imsemmi ammont.

4. Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati ripetutament sabiex ihallsu l-imsemmi ammont huma baqghu inadempjenti u ma halsux.

5. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.

**Raguni tat-Talba**

1. Kif diga` premess, is-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuti in solidum fl-ammont ta` Lm 6,916.47 oltre l-imghaxijiet legali u l-ispejjez gudizzjarji;

2. L-imsemmi ammont ta` Lm 6,916.47 huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta` l-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta` l-istess socjeta` attrici, il-konvenuti m`ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta` l-imsemmi ammont.

3. Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati ripetutament sabiex ihallsu l-imsemmi ammont huma baqghu inadempjenti u ma halsux.

4. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

**Talbiet**

Ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta` attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta` l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta` sitt elef, disa` mija u sittax-il Lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm 6,916.47), rapprezentanti t-total ta` diversi ammonti dovuti lis-socjeta` attrici kif premess minn Superfruits Limited bhala debitrici principali u mill-konvenuti l-ohra Patrick Meli u Christine Copperstone bhala garanti solidali;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju u l-mandat ta` inibizzjoni kontestwalment prezentati, oltre l-imghaxijiet legali konteggjati mid-9 ta` Jannar, 2007 sal jum ta` l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat l-affidavit ta` Andre' Gatt ghan-nom tas-socjeta` attrici.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhud prodott.

Rat li s-socjetajiet konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejhin tlett darbiet lanqas ma deheru.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba ghal Lm 3,742.

Il-Qorti, taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna l-konvenuti *in solidum* sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta` Lm 3,742 (tlett elef, sebgha mija u tnejn u erbghin liri Maltin).

Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------